**27 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Lawrence Cassar

*versus*

Giuseppe Briffa

**Siġra — Distanza mill-ħajt diviżorju — Preskrizzjoni — Art. 474 (1), 475, 1186, 1628 u 1639, Kodiċi Ċivili.**

*Meta detentur ta' għalqa mħabba l-preskrizzjoni jitlef id-dritt illi jgħieghel lill-proprjetarju ta' għalqa viċina illi jneħħi siġra li tkun imħawwla f'dina l-aħħar imsemmija għalqa f'distanza mill-linja medjana taż-żewġ għelieqi inqas bogħod minn dik li titlob il-liġi, huwa (dak imsemmi l-ewwel) jibqgħalu d-dritt illi jekk l-għeruq tas-siġra jinvadu l-għalqa tiegħu jaqtagħhom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-konvenut ħawwel siġra taċ-ċawsli mal-

ħajt tal-għalqa ta' l-attur f'Ħal Qormi f'inqas mid-distanza imposta mil-liġi, talab li l-konvenut għar-raġunijiet premessi jiġi kundannat minn din il-Qorti biex fi żmien qasir u perentorju, li jiġi stabilit mill-istess Qorti, huwa jneħħi l-istess siġra. Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut.

Omissis.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi peress li s-siġra in kwistjoni, kif jiġi pruvat, ġiet pjantata aktar minn tletin sena ilu, allura hi x'inhi d-distanza li fiha s-siġra hi hekk pjantata t'osta' għall-azzjoni l-preskrizzjoni triġenarja kif ġie deċis mill-ġurisprudenza in propositu (Vol. XVI, parte 2 pagina 28); l-attur se mai jista' jekk irid bi spejjeż tiegħu jagħmel trinka fil-fond tiegħu biex javija u jaqta' l-għeruq li talvolta jinoltraw ruħhom taħt il-fond tiegħu iżda għaldaqshekk ma hemm lok għall-ebda proċedura (ibidem) u del resto l-azzjoni ma hix impostata għal daqshekk;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-azzjoni tal-attur hija bażata unikament fuq il-fatt li s-siġra taċ-ċawsli tal-konvenut tinsab imħawwla fl-għalqa tiegħu f'anqas mid-distanza imposta mill-liġi, u l-attur mhux qiegħed jippretendi li minħabba f'hekk qiegħed isofri xi danni. Irriżulta, inoltri, li l-attur huwa inkwilin tal-għalqa adjaċenti ma dik fejn tinsab is-siġra tal-konvenut. li a sua volta huwa l-proprjetarju tal-għalqa fejn tinsab imħawwla;

Li, il-konvenut, oppona l-preskrizzjoni triġenarja għattalba tal-attur. Għalhekk dina l-Qorti trid tirrisolvi tliet kwistjonijiet:

1) Jekk l-attur huwiex intitolat għal dina l-azzjoni bħala sempliċi inkwilin;

2) Jekk immaturatx jew le l-preskrizzjoni;

3) F'każ negativ, u fil-meritu, għandhiex jew le tiġi milqugħa t-talba minħabba d-distanza mill-ħajt diviżorju li fiha *tinsab imħawla* s-siġra in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Li dwar l-ewwel kwistjoni jingħad li għalkemm l-attur mhux qiegħed ipoġġi a bażi tal-azzjoni l-motiv tad-dannu li qegħda tikkaġunalu s-siġra, dana *l-motiv però huwa presunt* għaliex appuntu l-liġi bl-osservanza tad-distanza legali tassiġra mill-ħajt diviżorju ta' beni viċini riedet tenita prinċipalment id-danni li dawna bl-għeruq tagħhom jistgħu jikkaġunaw fil-bini u fir-raba viċina.

Li, in vista ta' dina l-konsiderazzjoni jikkompeti lill-attur anki bħala sempliċi inkwilin, id-dritt li jwaqqaf id-dannu talviċin u dana billi jitlob li tiġi maqlugħa skond d-disposizzjonijiet kombinati tal-artikoli 1186, 1628 u 1639 tal-Kodiċi Ċivili, kif interpretat it-tieni artikolu, u applikat fil-ġurisprudenza tat-Tribunali Tagħna (Kollez. VI, 226; XIX, ii, 115; XXXII, ii, 84).

Ikkunsidrat:

Li fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut għandu jiġi rilevat, *li ż-żmien utili għall-maturazzjoni* tagħha għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata li s-siġra ġiet imħawwla jiġifieri "dal momento in cui l'arbusto si rivela a sufficienza quando esce dalla terra". (Kollez. XVI, ii, 128; XXXIII, ii, 74; Baudry La Cantinerie: "Trattato di Dto. Civ.

Vol. VI, para. 1014 pag. 762, 769; Demolombe, XI, 699 Laurent, VIII, no [illegible], u mhux mill-ġurnata li l-attur beda jirri-senti d-dannu (Kollez. XII 430; XXIV, ii, 280); għaliex il-kawża mhix diretta għar-risarċiment u rimozzjoni tad-danni, iżda biss biex l-attur jottjeni l-isvelliment tas-siġar in kwistjoni.

**Ikkunsidrat:**

Li l-Qorti, wara l-eżaminat bir-reqqa l-provi u l-parir tal-perit tekniku. waslet għall-konklużjoni, li s-siġra "dequa" ilha imħawwla aktar minn tletin sena ilu, għall-motivi segwenti:

1) Il-Qorti fl-aċċess osservat, li z-zokk prinċipali fil-bażi tiegħu mal-ħamrija hu taċ-ċirkonferenza ta' żewġ piedi u għaxar pulzieri (2' 10'') — liema ċirkonferenza abbinata mal-estensjoni tal-friegħi mal-għoli li jidher ta' ċirka 30 pied; u maċ-ċirkonferenza tal-ħsara li hija ġeneralment ta' xi tmintax-il pied miz-zokk prinċipali 'l barra tagħti idea biżżejjed rassikuranti li s-siġra hija qadima.

2) L-istess deposizzjoni tal-perit tekniku li għal bidu iddikjara li s-siġra għandha żgur ħamsa u għoxrin (25) sena (fol. 34), u sussegwentement wassal massimu taż-żmien tagħha anki għal tletin sena (30); u l-fatt sintomatiku li l-perit ma jistax jeskludi li s-siġra setgħet kellha aktar minn tletin (30) sena — jindiċu l-Qorti tippropendi lejn il-versjoni tal-konvenut li s-siġra ilha mwaħħla aktar minn tletin sena ilu. Huwa veru li l-provi taż-żmien tinkombi lill-konvenut iżda billi l-aċċertamenti tekniċi jagħtu lok għal dubju serju dwar iż-żmien, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni d-deposizzjoni tal-kontendenti bħala element probatorju li jista' jgħin ukoll fis-soluzzjoni ta' dana l-pont.

3) Ix-xhieda tal-attur infatti hija kompletament inat-

tendibbli a rigward taż-żmien li huwa qal li tħawlet is-siġra, iġifieri ċirka seba' snin ilu. Dina l-asserzjoni hija kuntrarja għall-fatti, u għar-risultanzi *proċesswali;* u għalhekk, il-Qorti jidhrilha, stanti l-konklużjoni li għaliha waslet dwar iż-żmien tas-siġra, li hija aktar aċċettabbli u verosimili d-depożizzjoni *tal-konvenut li asserixxa li dina s-siġra ilha fil-post* aktar minn tletin sena, għax kienet imħawwla fiż-żmien missieru. L-allegazzjoni li sebgħa u għoxrin sena ilu kienu jorbtu l-barrin maz-zokk hija fil-fehma tal-Qorti, aktar destrittiva milli positiva, iżda l-esaġerazzjoni mhix tali li tadombra l-unika realtà, dik ċioè li s-siġra għandha aktar minn tletin sena, indipendentement mill-użu li kien qiegħed isir minnha.

Ikkunsidrat:

Li, għalkemm irriżulta li s-siġra mhix imħawla fid-distanza mposta mill-art. 474 (1) tal-Kodiċi Ċivili, dina l-Qorti, ma tistax tordna l-isvelliment tagħha in vista tal-fatt li l-azzjoni tal-attur hija milquta mill-preskrizzjoni triġenarja.

Ikkunsidrat:

*Li, għalhekk* mhux *il-każ li dina l-Qorti tieħu* aktar konsiderazzjoni tat-tielet pont, ġa fuq enunċjat, iżda tirrileva li jekk l-għeruq tas-siġra jinoltraw ruħhom fl-għalqa tal-attur u jikkaġunawlu danni, f'dina l-eventwalità jibqagħlu d-dritt li jirrimedja billi jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa fil-fond tiegħu, barra *milli* jibqagħlu integru d-dritt naxxenti mill-art. 475 tal-Kodiċi Ċivili li jaqta' huwa stess "le radiċi indiscreta" l-għeruq ċioè li jibqgħu deħlin fil-fond tiegħu: "diritto che niuna prescrizione *può fargli perdere,* perchè non si tratterebbe più di ciò che egli può esigere dal convenuto", (Kollez. XVI, ii, 128 u Kollez XXXIII, ii, 74); iżda tibqagħlu l-fakoltà li l-attur jista' jeżerċità minn *rajh* bħala *detentur tal-għalqa* biex ikun jista' jinqeda biha skond l-użu li jiġi presunt miċ-ċirkos-

tanzi (Art. 1643 Kod. Ċiv.).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż, jibqgħu a kariġu tal-attur, barra dawk tal-aċċess u tal-perit tekniku, li għandhom jiġu sapportati mill-kontendenti bin-nofs.